# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 13 ta' Ġunju 2024**

**Rikors numru 633/2024**

**Carmen Grixti KI 314767M**
**vs.**
**Bank of Valletta plc (C-2833)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **Carmen Grixti KI 314767M** tal-14 t'April 2024;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 t'April 2024;

Rat ir-risposta tal-Bank intimat tat-2 ta' Mejju 2024;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu l-Imħallef li kien sedenti għal raġunijiet validi fil-Liġi astjena milli jkompli jisma' r-rikors;

Rat l-ordni ta' assenjazzjoni ta' kawża tas-STO Prim'Imħallef datata 13 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu dan ir-rikors ġie assenjat lill-Imħallef presenti;

Rat li din il-Qorti kif presjeduta appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024 fis-13:00;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati:

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat bl-għan aħħari jkun dak li jiġu mħarsa b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-determinazzjoni ġudizzjarja tagħhom.

2. Biex ikun jista' jinħareġ dan il-mandat, il-ġurisprudenza teħtieġ li r-rikorrent juri li jkollu:
   (a) fumus boni iuris, kif ukoll il-
   (b) periculum in mora.

3. Għalhekk jeħtieġ lir-rikorrent juri:

   (a) Li l-intimat ikun qiegħed iwettaq jew sejjer iwettaq att li jkun ta' **preġudizzju** għar-rikorrent u li bis-saħħa ta' dan il-mandat, l-intimat ikun meħtieġ li jiġi mwaqqaf milli jwettaq dak l-att preġudizzjevoli. Dan il-preġudizzju ġie interpretat mill-ġurisprudenza li jrid ikun:

      i. Materjali: biex b'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà li l-att tal-intimat jista' jġib fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat.
      ii. Reali: biex b'hekk s-sempliċi telf pekunjarju rifless f'telf ta' flus jew qliegħ ma jitqiesx preġudizzju serju tali li fuqu għandu jinħareġ dan il-mandat anke peress li għal dak il-fini il-preġudizzju jista' jitħares bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji oħra.[1]

   (b) li jkun hemm **il-ħtieġa** li jinħareġ dan il-mandat in kwantu jekk l-intimat ma jiġix imwaqqaf milli jwettaq l-att preġudizzjevoli jew id-dewmien fil-ħruġ ta' dak il-mandat, iwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jedd reklamat mir-rikorrent. B'hekk sabiex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent ikun meħtieġ li jinħareġ dan il-mandat. Din il-ħtieġa tistrieħ fuq il-**periculum in mora** li tfisser li jekk l-att preġudizzjevoli ma jiġix inibit dan jikkawża ħsara lir-rikorrent li ma jkunx hemm

---

[1] Ara **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Mejju 2014 fejn ingħad:

> Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.

alternattiva għaliha fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata.[2]

(c) Li għandu l-fumus boni iuris: il-jedd pretiż minnu jkun oġġettivament u fil-każ konkret, mal-ewwel daqqa t'għajn, verament jeżisti favur tiegħu.  Ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u ta' dritt reklamati minnu fir-rikors sal-grad **prima faciae**.  Dan huwa rekwiżit oġġettiv (u mhux soġġettiv) u ma jiddipendix mill-element diskrezzjoniali tal-ġudikant.  Għall-finijiet ta' mandat, jew il-jeddijiet jidhru mal-ewwel daqqa t'għajn jew ma jidhru xejn.[3]

4. Inoltre, il-mandat t'inibizzjoni jista' jiġi maħruġ
   (a) fil-forma ġenerika : dik prevista mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; jew
   (b) fil-forma speċifika: bħal dawk previsti mill-artikoli 874, 876 u 877 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivu mandati ta' inibizzjoni speċifiċi imfasslin għal xenarji legali partikolari preskritti mill-Liġi, u kif riflessi fil-formuli abbinati appożitament fl-Iskeda B mal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Il-Qorti li tanlizza talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti tal-meritu billi tistħarreġ il-provi fil-meritu dwar l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent.  Il-Qorti adita b'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni tiddeċiedi tali talba biss b'mod sommarju wara li tkun tat ħarsa lejn l-argumenti mresqa fiż-żmien statutorju.

6. Id-deċiżjoni li tilqa' dan il-mandat, daqskemm li tiċħdu, ma tirriflettix id-deċiżjoni aħħarija fil-meritu.

7. Bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, il-mandat t'inibizzjoni irid jiġi mitlub in buona fede mir-rikorrent; u ma jistax jiġi użat bħala strument ta' theddid jew rikatt, jew mezz ta' tgħawwiġ tal-idejn tal-intimat jew mezz li bih l-intimat jiġi mċaħħad mit-tgawdija ta' ħwejġu jew jeddijietu.[4]

---

[2] Ara wkoll **John Vella et vs. GGD Properties Limited et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Lulju 2007.
[3] Ara wkoll **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré,** Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju, 1988.
[4] Ara **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut pro et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju, 2003.

8. Dan il-mandat iżżomm lill-intimat mill-eżerċizzju tat-tgawdija sħiħa ta' ħwejġu jew tal-jeddijiet tiegħu. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja, t'interpretazzjoni stretta, kif ukoll jikkostitwixxi l-eċċezzjoni aktar milli r-regola.

9. Dan il-mandat jinħareġ biss jekk tiġi stabbilita l-eżistenza tar-rekwiżiti tiegħu kollha. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.[5]

**Ikkunsidrat:**

10. L-argument tar-rikorrenta, fil-qosor, huwa li fit-18 ta' Mejju 2018, fil-kors tal-proċeduri ta' separazzjoni personali bejnha u żewġha, hija kienet ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra żewġha u li kien ġie notifikat lil Bank intimat bħala sekwestratarju. Minkejja tali notifika, il-Bank intimat baqa' jsarraf ċekkijiet li żewġha kien jirċievi bi ħlas għas-servizzi professjonali reżi minnu għal snin sħaħ. Dan it-tisrif ta' ċekkijiet sar favur żewġt ir-rikorrenta minkejja li dawk kienu flejjes li jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti bejniethom, li żewġha kien milqut mill-mandat ta' sekwestru u minkejja li l-Bank intimat kien sekwestratarju. Il-Bank intimat kien konxju minn dan kollu. Ir-rikorrenta tallega li żewġha kien jirnexxielu jsarraf dawn iċ-ċekkijiet biss bil-kompliċita tal-Bank intimat tant li kien anke għadda ċekkijiet oħra f'kontijiet ta' żewġha u ta' terzi. Ir-rikorrenta tqis din bħala prattika kollużiva in kwantu saret fi żmien fejn l-istess Bank intimat kien jaf li żewġha kien waqa' lura fil-pagamenti tas-self bankarju li huwa kellu u żewġha kien waqaf milli jħallashom għal kollox. Ir-rikorrenta ssostni li minħabba din il-kollużjoni bejn żewġha u l-Bank intimat hija sofriet danni kbar peress li l-Bank ippermetta lil-żewġha sekwestrat li jsarraf iċ-ċekkijiet u jieħu dawk il-flejjes li suppost marru fil-komunjoni tal-akkwisti u minflok ma l-istess Bank żamm dawk l-istess flejjes sabiex minnhom jinqatgħu mis-self bankarju l-istess Bank ħalla lil żewġha jirċevihom personalment. Minħabba f'hekk is-self ma tħallasx, u baqgħu jiżdiedu l-imgħaxijiet. Aktar minn hekk, dan in-nuqqas ta' ħlas tas-self wassal lil Bank intimat sabiex jiftaħ proċeduri ġudizzjarji kontra tar-rikorrenta u żewġha fejn issa l-Bank kien ġie kanonizzat kreditur u qiegħed jinforza dak it-titolu eżekuttiv kontra tar-rikorrenti u żewġha billi

[5] Ara wkoll **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré,** Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju, 1988.

proċeda wkoll għall-bejgħ bl-irkant tad-dar matrimonjali fejn tgħix ir-rikorrenta ma wliedha. Kien għalhekk li r-rikorrenta għamlet din it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni biex il-Bank intimat jiġi miżmum milli jipproċedi bil-bejgħ bl-irkant tad-dar matrimonjali. Ir-rikorrenta żżid li kontestwalment ma dan ir-rikors hija fetħet kawża kontra l-Bank intimat fejn qegħda titlob li l-istess Bank jiġi dikjarat li kiser l-ordni mogħtija lilu bil-mandat ta' sekwestru numru 122/2018, li jiġu likwidati l-ammonti imħalsa mill-Bank intimat lil żewġha permezz ta' tisrif ta' ċekkijiet minkejja s-sekwestru; li jiġu likwidati d-danni ulterjuri minħabba dak in-nuqqas tal-Bank intimat; li jiġi kundannat iħallas dawk l-istess danni kif ukoll li l-Bank jiġi miżmum milli jkompli bil-miżuri eżekuttivi kontriha biex ma jkomplux jiżdiedu danni, imgħaxijiet u spejjeż.

11. Mill-banda l-oħra, il-Bank intimat wieġeb (fil-qosor u fis-sustanza) illi:

a. It-talba tar-rikorrenta kienet inċerta peress li ma tagħmilx distinzjoni bejn sospensjoni tas-subbasta u t-twaqqif tagħha. Għal dawn iż-żewġt sitwazzjonijiet il-liġi kienet tipprovdi rimedji legali li pero r-rikorrenta ma rrikorrietx għalihom. Dan ir-rikors kien biss l-enniżimu tentattiv tagħha biex ma tiġix żgumbrata mir-residenza tagħha minkejja li d-debitu mal-Bank intimat kanonizzat b'sentenza finali għadu ma tħallasx.
b. Ir-rimedju ordinarju biex subbasta tiġi mwaqfa jistrieħ fuq l-artikolu 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta – li kien jipprovdi rimedju speċjali – li pero r-rikorrenta ma rrikorrietx għalih.
c. Dan ir-rikors huwa wieħed minn sensiela ta' rikors, inkluż fl-atti tas-subbasta 45/2023 li għamlet ir-rikorrenta bit-tama li twaqqaf is-subbasta milli timxi l-quddiem.
d. Illi din is-subbasta tistrieħ fuq titolu eżekuttiv li l-Bank intimat ottjena kontra r-rikorrenti u żewġha fil-forma ta' sentenza, illum res judicata, fejn anke f'dawk il-proċeduri r-rikorrenta kienet ivventilat l-allegazzjonijiet ta' kollużjoni li reġgħet qegħda tirrepeti issa. Ir-rikorrenta ma appellatx minn dik is-sentenza.
e. Ir-rikorrenta ma resqet ebda prova sal-grad prima facie biex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha fir-rikors promotur. Apparti minn hekk it-talba fir-rikors u dak fir-rikors ġuramentat ma kienux jikkumplimentaw lil xulxin.
f. Illi biex tippreżerva l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenta fir-rikors ġuramentat tagħha hija kien messha proċediet bit-

talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni aljenatorju u mhux dak ġenerali – u dan peress li t-talbiet fir-rikors ġuramentat kienu għal danni li hija qed tippretendi li sofriet. Inoltre anke jekk it-talbiet magħmula fir-rikors ġuramentat jirnexxu l-eżitu tagħhom ma jistax ikollu impatt fuq il-proċeduri tas-subbasta li qegħdin isiru in eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv legalment ottjenut mill-Bank intimat.

g. Illi anke jekk ir-rikorrenti setgħet għamlet it-talba taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta din xorta waħda f'dan il-każ kienet tikkozza ma dak li jipprovdi l-istess artikolu in kwantu dan jipprovdi kjarament li dak il-mandat ma jgħoddx għal trasferiment ta' proprjeta li jsir skont ordni ta' qorti.

h. Inoltre, stante li l-bażi tat-talba tar-rikorrenta fir-rikors ġuramentat kienet sabiex jiġi preżervat allegat kreditu, hija kellha – taħt piena ta' nullita tar-rikors in kwistjoni – titlob li kellu jiġi preżervat dak id-dritt ta' kreditu.

i. Illi l-ilmenti tar-rikorrenta kienu diretti lejn żewġha aktar milli lejn il-Bank rikorrent u għalhekk il-mandat semmai kellu jiġi preżentat fil-konfront ta' żewġha u mhux tal-Bank intimat.

j. Illi l-proċedura tas-subbasta de quo setgħet tipproċedi irrispettivament minn dak li jkun deċiż fir-rikors ġuramentat preżentat mir-rikorrenta u dan peress li r-rikorrenta hija debitriċi solidali ma żewġha fil-konfront tal-Bank intimat kif jirriżulta mis-sentenza li biha l-Bank intimat ġie kanonizzat kreditur liema sentenza illum kienet res judicata u li għandha saħħa ta' titolu eżekuttiv. L-allegazzjonijiet ta' kollużjoni magħmula mir-rikorrenta ma jistgħux jitqiesu bħala impediment leġittimu jew prova suffiċjenti prima facie biex titwaqqaf is-subbasta; anzi jekk titwaqqaf is-subbasta jkunu qegħdin jiġu miksura diversi ordnijiet mogħtija minn din il-Qorti u jiġi stultifikat il-proċess kollu tal-ġustizzja.

k. Illi ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti legali biex jinħareġ mandat t'inibizzjoni in kwantu ma ġietx imresqa prova prima facie tal-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti; jew prova tal-preġudizzju li hija sejra ssofri jekk titkompla s-subbasta; semmai hija kellha titlob li l-Bank jiġi inibit milli jbiegħ proprjeta tiegħu u mhux proprjeta tagħha; it-twaqqif tas-subbasta ma jippresevax l-allegati drittijiet li qed tippretendi r-rikorrenta fir-rikors ġuramentat u li kien anti-ġuridiku li l-Bank intimat li huwa tenut li jkollu riżervi ta' miljuni t'ewro biex iwettaq l-

obbligazzjonijiet tiegħu jiġi suġġettat għal mandat ta' inibizzjoni bħal dan.

**Ikkunsidrat:**

12. It-talba tar-rikorrenta fir-rikors promotur hija biex din il-Qorti:

> iżomm l-intimat Bank milli jipproċedi bil-proċedura tal-bejgħ bl-irkant numru 43 (recte 45) /2023 fl-ismijiet "Bank of Valletta plc v Dr. Ivan Grixti u martu Carmen Grixti" peress illi dak li wassal għal dawk il-proċeduri kien aġir abużiv u illegali tal-istess bank intimat kif imfisser aħjar fir-rikors maħluf fl-ismijiet "Carmen Grixti v Bank of Valletta plc" ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors.

13. Huwa paċifiku li l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant de quo kienet imsejsa fuq it-titolu eżekuttiv li l-Bank intimat ottjena kontra r-rikorrenta u żewġha bis-saħħa tas-sentenza **Bank of Valletta plc v Dr. Ivan u Carmen miżżewġin Grixti** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-16 ta' Mejju 2023 u li minnha ma sarx appell. Huwa wkoll paċifiku li fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha f'dik il-kawża ir-rikorrenta ma qajmet l-ebda eċċezzjoni marbuta mal-allegati atti kollużivi li kienu qegħdin iseħħu kemm qabel ma dik il-kawża ġiet intavolata f'Jannar 2020, u l-anqas wara. Ma jirriżultax li r-rikorrenta f'dik il-kawża għamlet xi kontro-talba. L-anqas ma huwa kontestat li waqt dik il-kawża r-rikorrenta kienet qajmet l-argument li kien hemm kollużjoni bejn il-Bank intimat u żewġha – kif jirriżulta anke minn xiehda impjegati mal-Bank intimat stess.

14. Huwa issa li r-rikorrenta qegħda tipproċedi ġudizjalment kontra l-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant numru 45/2023 fejn hija targumenta li dak li wassal għal dawk il-proċeduri kien aġir abbużiv u illegali tal-istess Bank intimat meta kiser l-ordni tal-Qorti wara l-ħruġ ta' sekwestru kif imfisser fil-parti narrativa tar-rikors ġuramentat tagħha.

15. Fir-rikors ġuramentat tagħha r-rikorrenta mhix tattakka l-formalita wara l-mandat jew il-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant. Tant hu veru li fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ir-rikorrenta stqarret li hija ma kienetx qegħda ssejjes it-talba tagħha fuq l-artikoli 281 jew 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu tgħid li dawn ma kienux applikabbli għall-fattispecie. Hija ssejjes l-azzjoni tagħha kontra l-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant tad-dar matrimonjali in kwantu dawk il-

proċeduri kienu mniġsa mill-kollużjoni minnha reklamata, a detriment tagħha.

16. Il-ġurisprudenza tgħallem li talba għas-sospensjoni ta' subbasta ai termini tal-artikolu 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija *lex specialis;* tant li biex ikun hemm sospensjoni tas-subbasta hija dik il-proċedura li tkun trid tiġi utilizzata,[6] għax la darba l-liġi tipprovdi espliċitament il-metodu ta' kif proċedura tigi regolata u mmexxija mill-Qorti kompetenti, hija dik il-procedura biss li għandha tintuża.[7] Biss dik taħt l-artikolu 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienetx rimedju esklussiv.

17. Il-proċedura tal-bejgħ bl-irkant kienet att eżekuttiv u mhux titolu eżekuttiv.[8] Anzi fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fir-**rikors fl-atti tal-bejgħ bl-irkant numru 21/2014 fl-ismijiet: Henry sive Harry Braithwaite v. Avukat William Cuschieri bħala mandatarju tal-imsiefra Catherine Elizabeth Braithwaite** mogħtija fl-24 t'April 2015 intqal li:

> L-art. 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-para. (b) u (d) igħid illi kemm il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli u kemm il-bejgħ fl-irkant mill-qorti huma atti eżekuttivi. Konsegwentement, bħal kull att eżekuttiv ieħor, jintlaqtu bi proċeduri taħt l-art. 281 għat-tħassir tal-att. Ir-rimedju tat-"twaqqif" taħt l-art. 326 ma jeskludix ir-rimedju tat- "tħassir" taħt l-art. 281; anzi, jistennih għax it-twaqqif huwa biss rimedju provviżorju sakemm ikun deċiż l-att għandux jitħassar jew le. Dan effettivament jistqarru l-Kreditur stess meta fit-tweġiba tiegħu jgħid illi "fil-każ ta' bejgħ sub hasta [l-qorti] ... tista' biss tissospendi s-sub hasta u tipprefiġġi terminu perentorju li fih l-intimat għandu jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu fil-proċeduri appositi". Dawn il-"proċeduri appositi" huma appuntu dawk taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. Apparti minn hekk, il-ġurisprudenza maġġoritarja tagħmel distinzjoni bejn proċeduri għal sospensjoni jew twaqqif ta' att jew titolu eżekuttiv. Fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1195/16 fl-ismijiet Trends Limited vs. DJRL Dance**

---

[6] **Mary Grech vs. Bank of Valletta plc** dekretata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ġunju 2019.

[7] Ara wkoll **Anthony sive Antoine Vassallo et vs. HSBC Bank Malta p.l.c.,** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-4 t'Ottubru 2011.

[8] **Anthony sive Antoine Vassallo u martu Antonia Vassallo v. Michael Attard Limited (C 32362) u b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2017 is-soċjeta` Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis** – Qorti tal-Appell deċiż fil-21 ta' Ġunju 2022

**Limited (C 37882) u Dominic Micallef K.I. 140181 M) U fl-atti tal-kawża Ċitaz. Nru 288/16/RGM DJRL Dance Limited (C 37882) u Dominic Micallef (K.I. 140181M) vs. Trends Limited** deċiż fil-31 t'Ottubru 2019 dik il-Qorti għamlet eżami dettaljat dwar id-distinzjoni li l-ġurisprudenza tagħmel bejn proċedura ta' sospensjoni jew twaqqif ta' att jew titolu eżekuttiv. Fi ftit kliem, issir id-distinzjoni bejn att eżekuttiv u t-titolu eżekuttiv u jekk dawn jistgħux jiġu mwaqfa jew sospiżi skont il-każ. Dik il-Qorti qalet hekk:

> Digriet aktar riċenti li fil-fehma ta' din il-Qorti jaqa' perfettament taħt din il-kategorija huwa dak mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament LAvukat Dr. Robert Zammit vs. Pierre Falzon et (Rik Nru. 386/18) deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Mejju 2018 u kkonfermata mill-Qorti talAppell (sede Superjuri) fit-13 ta' Lulju 2018 fejn is-sospensjoni ġiet ikkunsidrata wkoll taħt l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12: "Din il-Qorti - fl-isfond tal-gurisprudenza citata - li hija tikkondividi - tqis illi r-ragunijiet li tressqu mir-rikorrenti sabiex ikun hemm it-thassir u/jew is-sospensjoni tal-Mandat ma jikkwalifikawx bhala raguni valida ghallfini ta` l-Art 281 tal-Kap 12.
>
> "Tghid dan ghaliex ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali.
>
> "Il-pregudizzju li parti nteressata tallega li tkun garrbet ghandu jirrizulta minn ezami formali tal-att li tieghu jkun qieghed jintalab itthassir.
> "L-istharrig li l-qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu.
> "Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghall-hrug talmandat kienux osservati jew jekk il-mandat kienx hareg abbusivament.
> "Mandat ezekuttiv jista` jigi attakkat biss kemm-il darba jkun inhareg minn qorti zbaljata jew b`difett fil-forma.
> "Dan kollu premess, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat de quo ma kien hemm xejn irregolari jew abbuziv.
> "**L-argument tar-rikorrenti li l-mandat ghandu jithassar jew jigi sospiz ghaliex kienet prezentata kawza fejn kien attakkat it-titolu ezekuttiv ma ghandu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat**."
>
> Ikkunsidrat
>
> Fid-dawl tal-preponderanza tal-ġurisprudenza fir-rigward ta' talbiet għas-sospensjoni ta' mandati eżekutivi huwa evidenti l-azzjoni tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 ma hiex fondata. Kieku l-Leġislatur ried jagħti id-dritt lil sekwestrat f'mandat eżekuttiv validament maħruġ id-dritt li jottjeni s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tiegħu b'sempliċi rikors, kien jilleġisla fir-rigward.
> ../..
> Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, u nonostante li hawn mhux jintalab it-tħassir tal-mandat eżekuttiv, din il-Qorti kellha tapplika lArtikolu 281 għall-każ odjern, il-Qorti tosserva li hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet. **Fi kliem ieħor, meta ssir talba taħt dan l-artikolu, l-ilment irid ikun indirizzat lejn il-mandat innifsu u mhux lejn x'wassal għall-ħruġ tiegħu.** Kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati nostrani,

> is-setgħa tal-Qorti hija limitata għall-eżami tal-forma talmandat b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre. Għaldaqstant sabiex wieħed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv Artikolu 281 mhux applikabbli.[9]

19. F'dan il-każ ir-rikorrenta rrikorriet għall-proċedura bir-rikors ġuramentat in kwantu kienet tqis li l-ilment tagħha jmur lil hinn minn dak provdut fl-artikoli 281 u 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li hija ma kienetx qegħda tikkontesta l-formalita wara l-mandat jew il-proċedura tal-bejgħ bl-irkant iżda kienet qegħda tagħmel proċedura ad hoc bażata fuq l-allegat fatt li dak li wassal għall-dawk il-proċeduri ossija l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant numru 45/2023 kien aġir abbużiv u illegali konsistenti f'kollużjoni bejn l-istess Bank intimat u żewġha.

20. Iżda l-jedd li hija trid li jkun imsaħħaħ irid jirriżulta minn dak li hija stess qegħda tippremetti u titlob. "Fl-għoti tad-deċiżjoni l-ġudikant irid joqgħod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni u in partikolari dak mitlub mill-attur" intqal minn din il-Qorti presjeduta mill-kompjant Imħallef Philip Sciberras fil-kawża fl-ismijiet **Stephen Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale** fid-9 ta' Diċembru 2002. U fil-fatt dan huwa importanti għar-risoluzzjoni ta' dan ir-rikors.

21. Għalkemm kif jingħad ukoll fil-kawża ċitata iżjed il-fuq **Trends Limited vs. DJRL Dance Limited** il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li r-rimedju tas-sospensjoni ta' att eżekuttiv huwa limitat għal dawk il-każijiet speċifikament kontemplati mill-Liġi – u allura l-artikoli 253(e) u 326 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta[10] kien hemm istanza fejn il-Qorti tal-Appell kienet akkordat sospensjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-kuntest tal-proċedura **Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru. 1621/14 fl-ismijiet Edmond Mugliette v. More Supermarkets (Hamrun) Limited (C 57252); More Supermarkets (Mosta) Limited (C 60925); More Supermarkets (Fgura) Limited (C 61496) u More Supermarkets (P'Ville) Limited (C 61504)** tas-27 ta' Marzu 2015 fejn intqal hekk:

> Kwantu ghat-tielet aggravju, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi jkun ta' pregudizzju akbar ghal appellati kieku l-ezekuzzjoni ma tigix sospiza, in vista tal-fatt li hemm kawza pendenti dwar il-validita` o meno tal-att li ta' lok ghat-titolu ezekuttiv vantat mill-appellati. Oltre dan, kif sewwa ssottomettew lappellati t-titolu ezekuttiv u l-mandat inkwistjoni ghadhom in vigore u l-

[9] Enfażi miżjuda.
[10] Ara wkoll **Alexander Farrugia vs. More Supermarkets (Ħamrun) Ltd et** dekretat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Diċembru 2014.

mandat huwa biss temporanjament sospiz sakemm jigu decizi l-proceduri dwar ilvalidita` tal-mandat. Allura l-appellati mhumiex se jsofru pregudizzju hlief naturalment id-dwejjaq li jistennew l-ezitu tal-kawza biex f'kaz li din tigi deciza favur taghhom ikunu jistghu jkomplu bil-proceduri ezekuttivi. **Mill-banda l-ohra wiehed jista' jahseb li kieku mandat li jkun gie esegwit u sussegwentement il-Qorti ssib li nhareg a bazi ta' titolu li jigi mhassar, il-pregudizzju jkun akbar.**[11]

22. Ir-rikorrenta rabtet ir-raġuni għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni mal-fatti u t-talbiet li hija għamlet fir-rikors ġuramentat tagħha. B'hekk il-Qorti trid tistħarreġ ukoll l-isfond ta' dawk il-fatti u talbiet sabiex tkun tista' tara jekk u safejn ir-rikorrenta issodisfatx ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni.

23. Ir-rikorrenta titlob lil din il-Qorti biex tordna l-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni biex il-Bank jiġi miżmum milli jkompli bil-miżuri eżekuttivi kontriha – billi jissokta bil-bejgħ bl-irkant tad-dar residenzjali tagħha - peress li tgħid li dak li wassal għal dak il-bejgħ bl-irkant kien aġir abużiv u illegali tal-istess Bank intimat kif imfisser aħjar fir-rikors maħluf fl-ismijiet "Carmen Grixti v Bank of Valletta plc" ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors fejn fuq dawk il-premessi, ir-rimedju li qegħda titlob biex jagħmel tajjeb għal dawk l-atti ta' allegata kollużjoni bejn il-Bank intimat hija biex il-Qorti tal-meritu:

(a) tiddikjara li l-Bank intimat kiser l-ordni kontenuta fil-mandat ta' sekwestru li bih kien imqiegħed sekwestratarju,
(b) tordna li jiġu likwidati l-ammonti imħalsa mill-Bank intimat lil żewġha permezz ta' tisrif ta' ċekkijiet minkejja s-sekwestru;
(c) li jiġu likwidati d-danni ulterjuri minħabba dak in-nuqqas tal-Bank intimat;
(d) li jiġi kundannat iħallas dawk l-istess danni u
(e) li tordna wkoll li l-Bank jiġi miżmum milli jkompli bil-miżuri eżekuttivi kontriha biex ma jkomplux jiżdiedu danni, imgħaxijiet u spejjeż.

24. Dak il-bejgħ bl-irkant pero qiegħed isir wara li l-Bank intimat ottjena titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenta u żewġha, frott ta' sentenza li issa hija res judicata. Kemm f'dawk il-proċeduri għall-ħruġ tat-titolu eżekuttiv, kemm fil-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant kif ukoll fil-proċeduri ġudizzjarji li għamlet fil-meritu f'dan il-każ, ir-rikorrenta ma tattakkax il-proċeduri għall-ħruġ tat-titolu eżekuttiv jew l-att eżekuttiv, u l-anqas tattakka t-titolu eżekuttiv jew l-att eżekuttiv fihom infushom. Dan

[11] Enfażi miżjuda.

huwa differenti mill-każ f' **Edmond Mugliette v. More Supermarkets (Hamrun) Limited (C 57252) et** fejn, anke jekk f'kuntest ta' talba għal sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' mandat, grazzi għall-azzjoni li ttieħdet konsegwenza ta' liema titolu eżekuttiv setgħa jiġi mħassar, il-Qorti tal-Appell kienet lesta tikkonċedi li l-eżekuzzjoni tal-mandat tiġi sospiża minħabba l-preġudizzju akbar li l-eżekutat ikun jista' jsofri f'każ fejn il-mandat f'dak il-każ ikun ġie eżegwit : **jekk sussegwentement il-Qorti ssib li nħareg a bażi ta' titolu li jiġi mħassar.**

25. It-talba li r-rikorrenta għamlet fir-rikors ġuramentat hija marbuta mal-allegat nuqqas da parti tal-Bank intimat li joqgħod għal ordni ġudizzjarja u l-konsegwenti likwidazzjoni u ħlas ta' danni akkumpanjata bit-talba għat-**<u>twaqqif tal-eżekuzzjoni</u>** tas-subbasta kontriha **<u>minħabba dak in-nuqqas</u>** (u għalhekk il-Qorti tifhem li t-talba mhix għal sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant de quo). Iżda dak in-nuqqas tal-Bank intimat konsistenti fl-allegata kollużjoni ma żewġha ma tagħqdux ma xi talba biex dak it-titolu eżekuttiv jew l-att eżekuttiv jiġi mħassar wara stħarriġ dwar il-validita ta' dawk il-proċeduri li waslu għat-titolu eżekuttiv jew l-att eżekuttiv jew għal dak it-titolu jew l-att eżekuttiv fihom infushom **<u>minħabba</u>** li kienu mniġsa b'dak in-nuqqas. Dan minkejja li skont ir-rikorrenta u l-provi prodotti minnha, dak l-allegat aġir abbużiv u illegali kien diġa qiegħed iseħħ **<u>qabel</u>** ma l-Bank intimat kien fetaħ il-proċeduri għall-ottjeniment tat-titolu eżekuttiv kontriha u żewġha; u allura qabel ma dan beda jeżegwixxi dak it-titolu eżekuttiv kontra tagħhom. Jekk dak il-proċess ġudizzjarju kien verament il-frott ta', jew imsejjes fuq, jew imniġġes b'atti ta' kollużjoni bejn il-Bank intimat u wieħed mid-debituri, allura l-integrita ta' dak il-proċess u l-eventwali riżultanti titolu eżekuttiv setgħu ikunu l-meritu ta' diskussjoni dwar il-validita tagħhom.

26. Iżda dan ma seħħx f'dan il-każ għax ir-rimedju mitlub mir-rikorrenta - anke jekk imsejsa fuq l-allegati atti ta' kollużjoni bejn il-Bank u żewġha li bdew qabel inħareġ it-titolu eżekuttiv u l-eventwali proċeduri bl-att eżekuttiv - xorta waħda jħalli impreġudikati kemm it-titolu eżekuttiv kif ukoll l-att eżekuttiv innifsu għax dak ir-rimedju bl-ebda mod ma jxejjen il-preżunzjoni li l-Bank ottjena titolu eżekuttiv b'mod leġittimu li issa qiegħed puntwalment jeżegwih. Il-validita ta' dan it-titolu eżekuttiv u l-att eżekuttiv bl-ebda mod ma ġiet kontestata; u l-anqas issa ma tista' tiġi mħassra konsegwenza tal-kawża magħmula fil-meritu.

27. F’dan l-isfond, għas-salvagwardja tad-dritt pretiż mir-rikorrenta fir-rikors ġuramentat kif rifless fit-talbiet tagħha hemmhekk kontenuti ma jurux li hemm dik il-ħtieġa skont il-Liġi biex jinħareġ mandat t’inibizzjoni u dan ukoll għaliex l-element tal-preġudizzju materjali huwa wkoll nieqes.

28. B’hekk, ikun inutli li din il-Qorti tistħarreġ ir-rekwiżit l-ieħor li jeżistu l-elementi ta’ fatt u ta’ dritt reklamati fir-rikors sal-grad **prima faciae** għax ġaladarba l-ewwel żewġ rekwiżiti kumulattivi għall-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni ma ġewx sodisfatti f’dan il-każ, din il-Qorti hija prekluża milli tilqa’ t-talba għall-ħruġ ta’ dan il-mandat.

## Konklużjoni

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament billi filwaqt li tilqa’ l-argument tan-nuqqas tar-rekwiżiti tal-preġudizzju u tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni sollevat mill-Bank intimat, tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta’ din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrenta.**

**Tordna notifika ta’ dan id-digriet lil partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**